**30 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President;**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Salvu Grixti u Giuseppi Grixti u b'digriet ta' l-1 ta' Gunju, 1988, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem John u Maria, aħwa Grixti, minflok Giuseppi Grixti li miet fil-mori tal-kawża.

*versus*

Geatano Schembri, Ronald Schembri u Carmel Schembri.

**Nullità ta' Sentenza – Mewt ta' Waħda mill-Partijiet fil-Mori tal-Kawża – Nuqqas ta' l-Assunzjoni ta' l-Atti – Nuqqas ta' Korrezzjoni ta' Isem**

*Il-parti iċċitat il-pronunzjament tan-nullità tas-sentenza tal-Prim'Awla li kienet ippronunzjata kontra parti li mietet fil-mori tal-kawżi mingħajr ma l-atti ġew trasfużi f'isem ħadd-ieħor u kontra parti oħra li ħtieġet bidla fl-isem. It-talbiet attriċi ntlaqgħu biss fil-konfront ta' konvenut wieħed u l-Qorti dehrilha li dan seta' jsir għaliex fil-mertu s-sentenza kienet ġusta.*

Il-Qorti:-

1. Is-sentenza f'din il-kawża ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru, 1992, u essenzjalment tgħid hekk:-

"Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-23 ta' Novembru, 1987, li biha l-atturi wara li ppremettew li huma jiddetjenu bi qbiela r-raba' msejjaħ "Tal-Albaniż" limit ta' Birżebbuġia, liema raba riċentement ġie mixtri u akkwistat mill-konvenuti mingħad is-sid preċedenti; illi f'dawn l-aħħar xahrejn, il-konvenuti abbużivament, vjolentement u klandestinament, ikkommettew spoll fil-konfront ta' l-atturi għaliex qabdu u qalgħu x-xatba ta' l-istess raba' u tefgħu u qed jitfgħu żibel jew demel ġo fih, u dana minkejja l-protesti ta' l-atturi inkluża ittra legali; illi l-aġir tal-konvenuti jikkonstitwixxi spoll vjolenti u klandestin għall-fini tal-liġi u jagħti lok għall-eżerċizzju ta' l-"actió spolii"; **talbu** li għar-raġunijiet premessi din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll fil-konfront ta' l-atturi, meta qabdu u qalgħu x-xatba tar-raba' "Ta' l-Albaniż", limiti ta' Birżebbuġia imqabbel lill-atturi, u tefgħu żibel u demel ġo l-istess raba';

2 tikkundanna lill-konvenuti li, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti, jirriprestinaw l-imsemmi raba' ta' l-Albaniż, fl-istat tiegħu preċendenti a spejjeż ta' l-istess konvenuti, u okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi, u

3. in difett, li l-konvenuti jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa biex jirriprestinaw l-imsemmi raba', fit-terminu *lilhom hekk*

impost, li l-atturi jiġu minn din il-Qorti awtorizzati jagħmlu huma stess l-istess xogħlijiet, a spejjeż tal-konvenuti, u taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi okkorrendo;

Bl-ispejjeż – kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali interpellatorja tad-19 ta' Ottubru, 1987, kontra l-konvenuti, li jibqgħu inġunti minn issa stess għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-11 ta' Frar, 1988, li permezz tagħha eċċepew;

1. Preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni, peress li dina l-kawża ġiet ippreżentata ad insaputa ta' l-attur Giuseppi Grixti;

2. Bla preġidizju għas-suespost, illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom peress li ma jirrikorrux it-tlett elementi ta' l-allegata *"actio spolii"*;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-Perit Legali wara li ħa in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti wasal għall-konklużjoni li l-attur kellhom il-pussess ta' l-għalqa indikata bl-ittra 'C' fuq il-pjanta Dok. XX u li li l-konvenuti bi vjolenza u bil-moħbi ħadu l-pussess ta' l-istess

għalqa kontra l-volontà u mingħajr il-kunsens ta' l-istess atturi;

*Il-Qorti wara li eżaminat ix-xhieda prodotti taqbel mal*-konklużjonijiet ta' l-għaref perit legali u għalhekk tagħmilhom tagħha;

Infatti f'din il-kawżi ta' spoll qed jiġi allegat mill-atturi li huma ġew spossessati mill-konvenuti minn biċċa raba' msejjaħ "Ta' l-Albaniż" fil-limiti ta' Birżebbuġia, liema raba' hija indikata bl-ittra "C" fuq il-pjanta esebita u markata Dok. XX.

Ir-raba' in kwistjoni, flimkien ma' raba' ieħor li ma jifformax meritu ta' din il-każ, kien ġie akkwistat mill-konvenuti fit-30 ta' Settembru, 1987. Wara l-akkwistat, il-konvenut Rokku (indikat fiċ-ċittazzjoni bħala Ronald) Schembri avża lill-attur Salvu Grixti u l-konvenuti daħlu f'din l-għalqa xi żmien wara. L-atturi xehdu li malli raw dak li kien ġara marru immedjatament għand l-avukat li kiteb ittra li ġiet esebita. Din iġġib id-data tad-19 ta' Ottubru, 1987. Jidher għalhekk li l-ispoll sar għall-ħabta ta' nofs Ottubru ta' dik is-sena. Il-kawża ġiet proposta fit-23 ta' Novembru, 1987, u għalhekk saret fiż-żmien utli;

*Omissis;*

Jidher li mhux ikkontestat li l-għalqa in kwistjoni kienet f'idejn l-atturi. Infatti, kif ġà ntqal il-konvenut Rokku Schembri ħass il-ħtieġa li jinforma lill-atturi li kien ser jieħu pussess ta' l-għalqa. *Inoltre* l-konvenut Carmelo Schembri, ikkonferma li l-istess atturi kienu jidħlu fl-għalqa biex ineħħu l-ħaxix ħażin. Fl-aħħarnett ix-xhud Salvu Bugeja prodott mill-konvenuti xehed li kien jara lill-atturi jagħmlu użu mill-għalqa biex idawwru l-

korozza tagħhom u li ħuhom il-mejjet kien jaqta' l-ħaxix ħażin. Dan apparti dak li xehdu l-istess atturi dwar l-użu kostanti ta l-għalqa;

*Omissis;*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li tiċħad l-*eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqà t-talbiet attriċi u konsegwentament tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll fil-konfront ta' l-atturi meta qabdu u qalgħu x-xatba tar-raba' ta' l-Albaniż, limiti ta' Birżebbuġia li kien f'idejn l-atturi u tefgħu ż-żibel u demel ġo l-istess raba', konsegwentement tikkundana lill-istess konvenuti sabiex fi żmien xahar mil-lum jirripristinaw lill-atturi fil-pussess ta' l-istess għalqa billi jagħmlu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex l-istess atturi jkollhom il-pussess ta' l-għalqa u dana taħt id-direzzjoni tal-Perit Arkitett u Ingineer Ċivili Joseph Huntingford u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi *jagħmlu, spejjeż tal-konvenuti u taħt is-sorveljanza ta' l-istess* Perit innominat, dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex dan il-pussess jiġi rripristinat;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti'';

2. Il-konvenuti appellaw u jippretendu li s-sentenza hija nulla għaliex (a) Gaetano Schembri miet fil-mori tal-kawża, ħafna żmien qabel ma ngħatat is-sentenza; (b) il-konvenut indikat bħala ''Ronald'' Schembri ma jeżistix, għaliex il-persuna indikata bħala konvenut li seta' kellu x'jaqsam mal-kawża, jismu Rocco *u mhux Ronald. Fil-mertu, l-atturi ma kellhomx pussess ta' l-*art imsemmija għaliex wara li marad Guseppe Grixti l-għalqa ġiet abbandunata u spiċċat żdingata;

3. *M'hemm dubju illi għalkemm fil-*prim' *istanza ġiet* senjalata l-mewt, fil-mori tal-proċess, ta' Gaetano Schembri kif ukoll illi l-konvenut indikat bħala Ronald Schembri kien korrettement jismu Rokku, la saret id-debita trasfużjoni ta' l-atti f'isem xi persuna li kellha tidħol flok il-mejjet, u lanqas ma ntalbet korrezzjoni ta' l-isem biex Ronald isir Rokku. Dan kellu jsir mill-atturi, li issa, f'dan l-istadju ta' appell, irrinunzjaw għall-effetti tas-sentenza inkwantu din ġiet ippronunzjata kontra Gaetano Schembri – illum mejjet. Naturalment din ir-rinunzja ma għandhiex valur inkwantu fi kwalunkwe każ la Gaetano Schembri kien miet fl-istadju tat-trattazzjoni tal-kawża, is-sentenza qatt ma setgħet tagħmel stat fil-konfront tal-mejjet u lanqas fil-konfront ta' l-eredi tiegħu;

4. *Din il-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi jidhrilha li għandha* l-obbligu li tara jekk tistax tevita n-nullità tas-sentenza. Dan jistà jsir għaliex fil-meritu, apparti l-iżbalji fuq xi wħud mill-partijiet, il-konklużjoni raġġunta mis-sentenza appellata hija ġusta;

5. Difatti apparti dak li ntqal fuq tnejn mit-tliet konvenuti, l-uniku aggravju fil-meritu ma jistax jiġi aċċettat għaliex id-detenzjoni ta' l-għalqa da parti ta' l-atturi baqgħet tippersisti anki wara li miet Giuseppe Grixti. Meta dan kien ħaj l-għalqa kienet tinħadem regolarment u wara li miet huwa, għalkemm jistà jiġi anki konċess li l-għalqa ma baqgħetx tinħadem, b'daqshekk ma jfissirx li ġiet abbandunata b'mod li jistà jingħad li ma kienet f'idejn ħadd. Il-presenza tax-xatba, li nqalgħet bil-fatti spoljanti, kienet prova biżżejjed ta' dik id-detenzjoni, kif huwa *biż-żejjed magħruf* fid-dinja agrikola;

6. Għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 3 supra is-sentenza appellata tista' tiġi kkonfermata biss fil-konfront

ta'Carmelo Schembri, billi Gaetano Schembri *miet waqt it-*trattazzjoni tal-kawża u l-atti ma ġewx trasfużi f'isem ħaddieħor flok il-mejjet, filwaqt illi Rocco Schembri għalkemm kien fil-kawża u ħa parti fiha ma ġiex ikkundannat mis-sentenza appellata inkwantu din issemmi lil Ronald Schembri;

7. Għal dawn ir-raġunijet, is-sentenza appellata qed tiġi rriformata billi t-talbiet attriċi *qegħdin jiġu milqugħa fil-konfront* ta' Carmelo Schembri biss, u dan qed jiġi kkundannat li fi żmien xahar ineħħi ż-żibel u d-demel mill-għalqa ta' l-Albaniż, f'Birżebbuġia, detenuta mill-atturi u jerġa' jpoġġi wkoll ix-xatba li qala' mill-istess għalqa – kollox taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġiniet Ċivili David Pace u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li jagħmlu kollox huma a spejjeż ta' l-istess Carmelo Schembri;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad għal Carmelo Schembri waqt li dawk ta' l-appell jibqgħu mingħajr taxxa.